Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011    Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

# Seduta numru 52 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tlieta 4 ta' Diċembru 2012

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Possibilta' ta' Vakanza ta' Uffiċċjal bħala Assistent Prinċipal fi Skala 11
5. Proġett Cypfire
6. Affarijiet Mixxellanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, u l-Kunsillier Giovann Gatt, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsilliera Maria Said kienet skużara

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**Ftuħ ta' Offerti**

Peresss li dak il-ħin tal-bidu tas-seduta kien jikkorrispondi wkoll mal-għeluq tas-sejħa għall-offerti, is-seduta bdiet billi is-Segretarju Eżekuttiv fetaħ il-kaxxa fejn ġew mitfgħha id-dokumenti tas-sejħa, fil-preżenza tas-Sindku, id-Deputat Sindku u il-Kunsillier Giovann Gatt. Kienu preżenti wkoll is-Sur Alexander Fenech (250680M) u is-Sur tony Cassar (3080G).

L-offerti ġew miftuħa fil-preżenza tal-individwi hawn fuq imsemmija u kienu dawn:

- **TENDER MGR 2012/06 -** *Resurfacing* ta' Triq L-Amarozz, Triq l-Aruna u Triq il-Karamelli taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership*.

Kien hemm offerta waħda mingħand Asfaltar Ltd.

- **TENDER MGR 2012/07 -** *Resurfacing* ta' Triq San Pietru, Triq Ħaġrat u Triq Sir Harry Luke taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership*.

Kien hemm offerta waħda mingħand Asfaltar Ltd.

- **TENDER MGR 2012/08 -** *Resurfacing* ta' Triq Ġnien id-Dwieli u Triq Ras il-Ġebel taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership*.

Kien hemm offerta waħda mingħand Asfaltar Ltd.

- **TENDER MGR 2012/09 -** Servizz ta' Xogħol ta' Aperturi tal-Aluminium għall-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

Kien hemm żewġ offerti mingħand Giorgio Aluminium u Framegrip Ltd.

- **TENDER MGR 2012/10 -** *'Design & Build'* ta' proġett ta' rampa għall-aċċessibilita' miżjuda mal-Knisja Parrokkjali tal-Imġarr.

Kien hemm żewġ offerti mingħand ECM Services u Andrew Vassallo General Trading.

- **TENDER MGR 2012/11 -** Servizz ta' Manutenzjoni u Rinnovament fuq l-aperturi tal-Injam fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

Kien hemm żewġ offerti mingħand 240 Limited u Armstrong Ltd.

- **TENDER MGR 2012/12 -** Servizz ta' xogħol ta' '*patching*' manteniment minuri tat-toroq.

Kien hemm żewġ offerti mingħand Joseph Caruana u Elles Urban Services Ltd.

Il-Kunsill ħa nota tal-offerti kollha u ddeċida li jqabbad lill-Perit tal-Kunsill biex jipprepara rapporti tekniċi u jagħti l-parir tiegħu dwar l-offerti miġbura.

Hawnhekk, is-Seduta tkompliet skont l-aġenda.

## 1 Minuti

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**Kunsill Lokali L-Imġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

1.2 dwar punt 3.2 : Is-Sindku u id-deputat Sindku informaw li kienet saret laqgħa fil-bini tal-Kunsill bejn is-Sur John Galea, Prokuratur Legali fid-Dipartiment tal-Artijiet u l-bidwi is-Sur Charles Micallef, fil-preżenza tagħhom it-tnejn u is-Segretarju Eżekuttiv. Is-sur Galea informa lis-sur Micallef dwar l-offerta li id-dipartiment kien beħsiebu jagħmillu għall-art in kwistjoni.

1.3 dwar punt 5.5 : Eman Vella informa li kienet saret applikazjoni għall-fondi għall-attivitajiet ta' Festa Frawli (21 ta' April 2013) u l-Festival Hidmet Missirijietna (21 ta' Ġunju 2013).

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Ġiet irreġistrata korrispondenza mingħand il-MEPA fejn fiha ġie approvat li jsir il-ħajt tal-Ġnejna li kien ilu jinħass il-bżonn għalih.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Is-Sindku informa li issa li x-xogħol fuq iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-anzjani kien tlesta, dan kien lest biex jibda' jopera. Fil-fatt ittieħdet id-deċiżjoni li l-anzjani jitlaqqgħu għall-ewwel darba fih nhar il-Ġimgħa 7 ta' Diċembru.

Ser issir tabella fuq barra li tindika il-bieb tad-dħul għall-dan iċ-Ċentru.

Iċ-Ċentru ser jibda jinfetaħ nhar ta' Ġimgħa.

3.2 Is-Sindku informa li peress li l-5 ta' Diċembru kien ser jiġi iċċellebrat il-Jum Internazzjonali tal-Libreriji Pubbliċi, il-Kunsill, permezz tal-għajnuna tal-librara preżenti, kien ser jorganizza atttiva' fil-Librerija Pubblika. Din ser tkun indirizzata għat-tfal u se sjkollha l-għan li xxerred l-imħabba lejn il-qari.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt

**4. Possibilta' ta' Vakanza ta' Uffiċċjal bħala Assistent Prinċipal fi Skala 11**

4.1 Il-Kunsill kompla jiddiskuti din il-proposta. Wara din id-diskuzzjoni, il-Kunsill qabel unanimament li ma jħossx li għandu jilqgħa din il-proposta u joħroġ sejħa għall-din il-vakanza speċjalment fid-dawl li ser ikun hemm elezzjoni f' Marzu li ġej.

**5. Proġett Cypfire**

5.1 Id-Deputat Sindku semma' li kellu diskossjoni mal-PPCD dwar l-interventi relatati mal-proġett Cypfire fuq l-istazjonijiet tat-TV, dwar l-ipprintjar ta' fuljett bl-informazzjoni kif ukoll dwar il-mawra edukattiva fl-Italja. Kienet diskussjoni fertili fejn il-Kunsill ingħata gwida ta' kif għandu jimxi 'il quddime f' dan il-proġett.

**6. Affarijiet Mixxellanji**

8.1 Is-sindku semma' li kienet ser issir żabra tas-siġar fi' Triq Fisher mill-Handymen tal-Kunsill.

8.2 Id-Deputat Sindku semma' li l-Kunsill kien ser ikun qed jieħu sehem fil-Majjistral Culinary Fest li kien ser isir fi' tmiem il-ġimgħa. Il-preparamenti għalih kienu mexjin tajjeb ħafna, ħlief ma kienux jistgħu jinstabu parteċipanti għall-korrida fl-istess festival.

8.3 Is-Sindku semma' li kien hemm il-ħsieb li jitwaqqaf grupp kulturali biex jiġbor informazzjoni dwar l-istorja tal-frawli fil-gzejjer Maltin. Dan il-grupp kien ser ikollu gwida u għajnuna mill-Għaqda Kittieba tal-Malti.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8 :45pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 8 ta' Jannar 2013 fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku

***Sindku** : Paul Vella, **Vici Sindku** : Eman Vella*
***Kunsillieri** : Clayton Gauci, Giovanni Gatt, Maria Said*
***Segretarju Ezekuttiv** : Cyprian Dalli*